**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 32**

**Data:** **25 ta' Ottubru, 2021**

**Hin:** **05.45pm**

**Post:** **Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

**32.1 PC Application 38/20**

---

**32.1 PC Application 38/20**

32.1.1 Is-Sindku nforma lill-membri li din il-laqgha kienet isejjhet b'urgenza sabiex tigi diskussa l-applikazzjoni PC38/20 fejn residenti kienu talbu li jiltaqghu mall-Kunsill u jitkellmu dwar il-preokkupazzjoni taghhom. Ghall-laqgha kien hemm prezenti ukoll il-Perit tal-Kunsill is-Sur Edwad Scerri. Il-pjanti kienu gew spjegati b'dak li kien qed jigi propost u inqrat ukoll ittra tas-sid li kien bghat lill-Kunsill.

Tonio Mifsud innota li din l-applikazzjoni tista' toffri anke opportunitajiet lill-Kunsill bhal parkegg u s-sid jista' jaghti kumpens lill-komunita'. Gie diskussa ukoll l-impatt tad-decizjoni tal-Kunsill fuq din l-applikazzjoni kemm jekk jaqbel kif ukoll jekk le fejn il-Perit ikkonferma li jista' jkollha impatt u jista' ma jkollha l-ebda effett. Il-Perit kompla jghid li sa fejn jaf hu applikazzjoni PC ma tibdilx il-linja ta' zvilupp. Gie innotat li wahda mill-iktar effetti pozitivi li jista' jkollha l-applikazzjoni huwa l-ftuh tat-triq li tkun qeghda tghin b'mod partikolari meta tikkunsidra li l-ingress principali ghaz-zona ta' Birbuba u San Dimitri hija minn triq dejqa. Il-Perit qal li l-Kunsill irid jevalwa l-istampa kollha fejn it-triq tkun opportunita' tajba flimkien ma' bini ta' parkegg pero' wiehed irid jara li din tkun *end of scheme* u kif jidher ir-residenti ghandhom biza li l-izvilupp jibqa' jizdied u din tista' tkun ta' precedent fuq applikazzjoni ohra fuq zoni odz li l-Kunsill qatt ma qabel maghhom. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu l-kummenti tar-residenti f'dan ir-rigward u ghaldaqstant gew mistiedna jidhlu fil-kamra.

6.27pm – Ir-residenti dahlu fil-kamra tal-laqgha.

Is-Sindku rringrazzja lir-residenti li kienu prezenti u qal li l-laqghat l-ohra li ghalihom kienu bghatu stedina kif diga spjegalhom ma setghax jattendi ghalihom il-Kunsill peress li dawn kienu saru f'post privat pero' huwa kien stedinhom ghal-laqgha li ssir fil-futur gewwa l-Kunsill. Ghaldaqstant huwa qal li l-Kunsill huwa lest li jisma' l-kummenti tar-residenti u importanti li kull min kien ser jitkellem ghandhom l-ewwel jidentifika ruhu.

Tkellem l-ewwel residenti l-Perit Claude Calleja. Huwa qal li huwa perit u ilu jahdem fil-konservation tul hajtu kolha. Huwa qal li qed jitkellem f'isem ir-residenti li b'kollox hemm madwar 80 u f'isem din l-art helwa li huwa ukoll membru.

Huwa qal li hemm tlett fatturi importanti li huwa l-aspett legali fejn hemm it-tielet appell, is-sens komun u l-aspetti tekniki. Huwa qal li hemm madwar 1000 oggezzjoni fuq l-izvilupp li qieghed f'zona odz u li hemm diversi NGO's li huwa kontra. Huwa qal li huma kollha jhobbu lil Ghawdex u qal li s-sbuhija ta' l-Gharb tigi l-ewwel. Huwa qal li 100 metru ta' art b'addizzjoni ta' 80/100 persuna aktar jghixu hemm f'djar u appartamenti u b'triplu ta' karozzi mhux ser ikun facli. Huwa qal li dan ikun ta' impatt mhux biss ghal Gharb imma anke ghal San Lawrenz.

Huwa zied jghid li l-NGO's bhal ma huma bird life u ohrajn qed joggezzjonaw anke ghal fatt li din hija zona sewda gewwa Ghawdex. Aparti dan bhala aspett legali huwa l-fatt li din iz-zona hija odz u li ser tkun qed tintuza bhala zona kumercjali li ser jaghtu impatt lir-residenti li hallsu ammont akbar sabiex xtraw djarhom li huma f'post b'veduta fuq zona odz u ghaldaqstant dan ser jinbidel jekk l-izvilupp jigi accettat.

Bhala appell finali huwa zied jghid li huma ma jridux li dan isir u gibed l-attenzjoni li madwar sena ilu s-Sindku flimkien ma' kunsilli ohra kien iffirma petizzjoni li zoni odz m'ghandhomx jigu zviluppati. Huwa pproduca ukoll screen shots diversi fosthom li l-Gharb jigi reklamat bhala parti minn Eko Ghawdex. Kompla jghid il-voti li ha kull kunsillier u li madwar 200 vot u li dawn jintilfu f'elezzjoni ohra jekk il-Kunsill jaqbed ma' tali zvilupp.

Tkellmet it-tieni residenza Dr. Georgine Grech fejn hija qalet li b'zieda ma' dak li kien qal il-perit hija kienet ghazel zona kwieta gewwa l-Gharb u jekk tinfetah it-triq ser jigi kkrejat aktar havoc u hija allarmat bl-impatt li ser ikun hemm. Hija qalet li hija kuntenta fejn qeghda u kif inhi s-sitwazzjoni attwali u post bhal dan gewwa l-Gharb mhuwiex facli li ssib. Apparti dan hija ziedet tghid li din hija zona odz fil-punent tal-gzira Ghawdxija, vicin ta' irdum u li dan ser jitlef il-principju ta' odz. Il-proposta tat-triq qeghda ssir biex jigi ikkrejat alternattiv ghal triq birbuba pero' s-sid ma jghix f'din iz-zona.  Hija qalet li z-zona hija facilment accessibli.

Tkellmet it-tielet persuna li kienet sid ta' kumpless turistiku f'din iz-zona s-Sinjorina Sofia Cefai.  Hija qalet li l-kumpless li huma joperaw huwa post sabiex wiehed jirkupra s-sahha.  Hija qalet li dan il-kumpless gie imwaqqfa f'zona trankwilla u l-klijenti taghhom kienu jigu hawnhekk ghall-kwiet u ghall-veduta. Jigu hawn ukoll sabiex jikkalmaw minn problemi tal-mohh u ohrajn fizici. Jekk tigi ikkrejata din it-triq ma jibqghux jigu klijenti fil-kumplesss taghhom u b'hekk jintilef ix-xoghol. Ziedet tghid li Ghawdex ghandu bzonn tat-turizmu biex jghix u jekk inkissru kollox kollox jintilef. Hija appellat sabiex din iz-zona tigi protetta minn zvilupp bla bzonn.

Tkellem residenti iehor is-Sur Manuel Cauchi. Huwa qal li bhala access ghal Triq Birbuba l-ideja kienet li ssir one way min naha u hrug minn naha ohra li din ser tikkreja problemi ghaz-zona ta' San Pietru fejn huwa resident.

Is-Sindku qal li dan ma hux il-kaz, apparti li l-Kunsill qatt ma applika b'dan il-mod u qal li dawn kienu biss allegazzjoni. Is-Sindku zied jghid li jaf b'whatsapp group li fih qed isiru diversi allegazzjonijiet infondati. Is-Sindku stieden lil dawk il-persuni li qed jinhbew wara dan il-grupp jqum u jghidhom quddiem kulhadd. Is-Sindku zied jghid li qatt ma saru diskussjonijiet bejn il-Kunsill u Transport Malta f'dan ir-rigward. Is-Sindku semma li ghandu kopja tal-konversazzjoni li saru f'dan il-grupp.

Is-Sindku innota li kif kienu qeghdin jitkellem u kif kien hemm miktub fuq il-grupp, qisu l-Kunsill kien ha xi decizzjoni mentri fir-realta' ma kien ha l-ebda' decizzjoni.

Tkellmet residenta ohra s-Sinjura Doris Cassar. Hija qalet li kienet giet toqghod l-Gharb peress li kienet marida bil-cancer u kienet giet hawn nofsha mejta pero' l-

arja taz-zona kienet ghinitha biex tirkupra sahhitha. Hija qalet li anke mentalment kienet hadet ir-ruh kemm kien ilha tghix hawn. Hija ziedet tghid li l-ambjent huwa sabih wisq u li kienet telqet minn Malta minhabba l-istorbju u tmur biss biex izzur lil omma u xi qraba ohra. Hija kompliet issostni li z-zoni hodor huma sbieh u fiz-zona indikata ghal zvilupp tista' tara ghadd ta' krejaturi sbih. Hija qalet li dan huwa ferm ahjar minn trakkijiet u makkinarji ohra. Semmiet ukoll li hemm hafna djar ta' karattru li ghandhom jigu protetti u jekk isir l-izvilupp dan kollu jintilef. Hija qalet li fejn f'zoni barra minn pajjizna ssib xmajjar hawnhekk issib ghelieqi u sqaqien li ghandhom jigu protetti u mhux mitlufin.

Hija kompliet tghid li f'zoni odz m'ghandhux ikun hemm l-ebda' tolleranza u lanqas biss ghandha tittiehed ebda' decizjoni. Hija staqsiet x'ser jigri mill-kreaturi li hemm f'din iz-zona. Ziedet tghid li hija certa li l-Kunsill huwa wiehed responsabbli ghax kieku ma kienx jigi elett. Hija qalet li qeghda tinghaqad ma' residenti ohra u toggezzjona ghal dan l-izvilupp. Spiccat billi qalet li hija investiet il-gwadan ta' hajjieta sabiex tigi tghix f'post ghall-kwiet u trankwillita'.

Tkellem residenti iehor is-Sur Ivan Puliz. Huwa qal li huwa kien gie jghix hawn flimkien ma' martu f'Novembru li ghadda u huwa jahdem Malta u jivvajaggja kuljum Huwa qal li ghazel id-dar tieghu fl-Gharb li kienet tiswa aktar minn post iehor peress li kienet f'zona odz. Huwa qal li kieku kienu jibqghu Malta li kienu jafu x'kien jista' jigri u dan mhux gust li jsir dan l-izvupp peress li l-propjeta' taghhom kienet ser titlef il-valur u kollox jisfaxxa fix-xejn.

Residenti iehor, David Scalon qal li huwa ghandu dar fl-Gharb u ilha ghandu madwar 35 sena. Huwa qal li dak li jikkoncernah iktar huwa li dan l-izvilupp qieghed jigi propost f'zona odz u jekk jigi permessibli jista' jsir l-istess f'zoni ohra li huma odz. Huwa qal li mhux ser jigi affettwat pero' huwa jaghti sostenn in principju u lir-residenti li qed jaghmlu l-oggezzjoni.

Tkellem is-Sur David Pace li ilu jghix fl-Gharb ghal dawn l-ahhar 16-il sena fejn jahdem ukoll fil-qasam tal-bejgh tal-propjeta'. Huwa qal li dan m'ghandux isir b'mod principali peress li qieghed f'zona odz. Zied jghid li ta kuljum jigi mistoqsi x'ser ikun jigri hawn u hemm u meta tkun art odz ihoss aktar sigur peress li hija propju odz. Huwa qal l-irhula jigu maqghuda flimkien u huwa jibza' li l-Gharb jitlef ir-residenti peress li ma jigux aktar jixtru propjeta' hawnhekk. Huwa talab li l-Kunsill jissaportja dan il-kaz.

Residenti iehor Joseph Grech qal li ilu jghix Ghawdex ghal madwar tlett snin. Huwa twieled Vittoriosa li kien meqjuz bhala post sabieh. Huwa qal li gie Ghawdex u fittex hafna postijiet sbih pero' iddecieda li jigi l-Gharb. Huwa ghazel dan ir-rahal ghat-trankwillita' u l-kwalita' ta' hajja li kulhadd jappREZZA. Huwa appella li zona odz m'ghandix lanqas biss tigi diskussa. Huwa appella sabiex l-Gharb li huwa l-ahjar villagg jibqa' jinzamm u protett kif inhu u hadd m'ghandu

ikissru. Huwa qal li jekk jigri dan ikollu jitlaq mill-pajjiz pero' ma jixtieqx li jigri hekk u jibqa' hawn. Huwa qal li hafna hbieb jistaqsuh jekk ghandhomx jigu vaganza Malta u huwa dejjem jirrakomanda Ghawdex pero' m'ghadux zgur ghandux jaghmel dan. Huwa zied jghid li n-nies ma jigux ghal bini gholi. Huwa qal li Malta diga intilfet u ghaldaqstant ghandna noqghodu attendi biex nippreservaw lil Ghawdex.

Is-Sindku rringrazzja lil kulhadd u talab skuza li din il-laqgha ma setghetx issir qabel. Huwa qal li d-decizjoni ser tigi kkomunikata lillhom.

Il-Perit Claude staqsa x'ser isir issa u jekk il-Kunsill huwiex ser jiddiskuti aktar din id-decizjoni. Huwa qal li huma jixtiequ jkunu prezenti ghad-decizjoni u jippartecipaw. Is-Sindku qal li id-decizjoni ser tittiehed fl-interess ta' kulhadd.

Ir-residenti hargu mil-laqgha fis-7.16pm.

Is-Sindku qal li jrid jittiehed vot fl-interess ta' kulhadd. Sal-gurnata l-Kunsill dejjem emmen li fejn hemm zona odz il-Kunsill ma jkunx favur.

Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li mhuwiex favur ta' zvilupp f'zona odz u li l-awtorita' ghandha tara li tiehu decizjoni.

Wara li tkompliet id-diskussjoni u fuq parir anke tal-perit, il-Kunsill qabel li ghandha jibghat is-segwenti lill-awtorita' ta' l-ippjanar:

Il-Kunsill qed jiehu l-posizzjoni kontra l-proposta li giet sottomessa fil-PC 38/20 minhabba li din il-proposta qed tipproponi bdil fil-linja ta' zvilupp (Development Zone Line) u l-Kunsill jidhirlu li mekkanizju tal-planning control application mhuwiex il-mezz kif dan ghandu jigi propost. Proposti fil-linji ta' zvilupp isiru fil-local plan u imbghad ikun suggett ghall-konsultazzjoni pubblika skond il-ligi.

**32.2 Tmiem tal-laqgha**

32.2.1 Il-laqgha spiccat fis-7.35pm.

Konfermati minn

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |